MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 750/2000/1

**Zammit & Cachia Limited**

**vs**

**Hix Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta'

konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:

1. Prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni, thallas lis-socjeta’ attrici s-somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-istess socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ nuqqas ta’ adempjenza da parte tas-socjeta’ konvenuta tal-obbligazzjonijiet taghha in konnessjoni ma’ “Business Trip” ghall-Cologne l-Germanja maghmula f’Ottubru tas-sena 1999 minn zewg diretturi tas-socjeta’ attrici;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-25 t’Ottubru, 1999, 1 ta’ Dicembru 1999, 18 ta’ Jannar 2000, 28 ta’ Marzu 2000 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2000, u bl-interessi legali u bis-subizzjoni tal-konvenuti;

3. Illi ghal-finijiet ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni pretizi huma anqas minn elf lira (LM1000);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta’ konvenuta agixxiet bhala agent tal-ivvjaggar u qdiet id-dmirijiet taghha bl-akbar diligenza u hi ma kkawzat ebda danni lid-ditta attrici;

2. Illi l-booking sar tramite operaturi esteri cioe TCS Tagungs Congress Service GmBH tal-Germanja li kienu huma hadu hsieb li jsiru l-arrangamenti u kkonfermaw il-booking kif ukoll kienet l-istess ditta estera li ftit granet qabel ma waslu biex isiefru l-atturi infurmat lid-ditta konvenuta li ma kinux ser jonoraw il-booking li kien sar u gie kkonfermat minnhom stess diversi xhur qabel. Ghalhekk id-ditta estera ghandha hi tirrispondi ghal kwalunkwe danni jekk dawn gew ikkawzati u ghandha tigi kjamata in kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta’ attrici kienet effettwat ordni mas-socjeta’ konvenuta biex zewg diretturi taghha jsiefru u jmorru f’kabina fuq vapur tal-passiggieri fuq ix-xmara Rhine;

2. Illi l-ordni saret regolarment mis-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ attrici hallset dak kollu minnha mitlub;

3. Illi qabel ma siefru d-diretturi kkoncernati regghu ghamlu l-kuntatti mas-socjeta' konvenuta biex jivverifikaw il-mawra taghhom u jserhu rashom li kollox kienu f’postu;

4. Illi s-socjeta’ konvenuta accertathom li kollox kien sew;

5. Illi pero’ meta d-diretturi ikkoncernati wasslu fid-destinazzjoni l-vapur nolleggiat ma instabx u l-vjagg fuq ix-xmara Rhine minnhom ippjanat, irrizervat u addirittura imhallas minn qabel intilef;

6. Illi wara hafna kuntatti, qtieh il-qalb u zewg tiljieli mitlufa, id-diretturi kkoncernati ttellghu f’vapur iehor ghall-perjodu limitat li ken fadal, (zewg t’iljieli);

7. Illi ovvjament din il-mawra tad-diretturi kkoncernati kienet fjask totali u l-kawza odjerna hi indirizzata biex dawn jirkupraw d-danni minnhom sofferti kif jidhru elenkati fid-dokument immarkat Dok. A a fol 20

tal-process u iddikjarati minnhom ekwivalenti ghall-hames mija u erba' u hamsin Lira Maltin, (LM554.00,0);

Ikkonsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta qed issostni li bhala agent xogholha hu limitat li taghmel il-"bookings" u l-ebda responsabbilita' ma tista' tigi kkollata fuqha ghal inadempiment;

Ikkonsidrat:

Illi s-sottomissjoni hawn allegata mis-socjeta' konvenuta timmerita approfondiment;

Illi essenzjalment l-istitut ta' agenzija huwa kuntratt li permezz tieghu wiehed mill-partijiet, il-*principal*, jawtorizza lill-parti l-ohra, l-*agent*, biex jagixxi f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tieghu f'relazzjoni legali bejnu, cioe' il-principal u terza persuna;

Illi ghalhekk jigi sottolineat li:

"Qui per alium facit per seipsum facere videtur";

Illi allura meta principal jinvolvi terz struttwalment estraneu ghalieh, (f'dan il-kaz lis-socjeta' konvenuta), biex jibbenefika mill-operat taghha, dan l-istitut jippermetti lil dan il-principal biex jezercita l-akbar kontroll fuq l-agent ghall-beneficcju tieghu;

Illi in vista tas-suespost jirrizulta li l-agenzija in dizamina agixxiet fl-ahjar interess tal-principal taghha, u tramite il-kummissjoni li tircievi ghax-xoghol minnha konkluz, tiggwadanja l-ammonti pattwiti bejniethom biex tassigura l-ezistenza kummercjali taghha;

Illi ghalhekk, nonostante l-fatt li dan l-agent jista' jkun rikonoxxut bhala operatur ekonomiku b'personalita' guridika distinta u indipendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi in generali, jirrizulta li minn analizi tar-relazzjoni kontrattwali ezistenti mal-principal taghha din hi biss

operatur awziljarji ghal principal u konsegwentement hi ekwivalenti biss ghal agenzija integrali ghaliha u xejn aktar;

Illi del resto, kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Bundeskartellamt vs. Volkswagen VAG Leasing", C-266/93, deciza mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fl-24 t'Ottubru ta' l-1995:

"Representatives can lose their characters as independent traders...if they do not bear any of the risks resulting from the contracts negotiated on behalf of the principal and they operate as auxiliary organs forming an integral part of the principal's undertaking";

Illi ghalhekk ir-relazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u l-principal taghha hi wahda komplimentari stante li dawn m'humiex entitajiet separati minn xulxin ghall-finijiet u effetti tal-fatti in dizamina;

Illi ghalhekk ir-relazzjoni li tirrizulta li tezisti bejn is-socjeta' konvenuta u l-principal taghha hi wahda ekwivalenti ghall-entita' ekonomika unika bil-konsegwenzi kollha li jirrizultaw u allura:

"nemo contra factum suum venire potest";

Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' dawk tas-socjeta' attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u erba' u hamsin Lira Maltin, (LM554.00,0);

3. Tikkundannna lis-socjeta' konvenuta Hix Limited biex thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici Zammit & Cachia Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet

legali dovuti mill-ittra ufficjali datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2000."

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi kemm ghal raguni ta' fatt kif ukoll ghal konsiderazzjoni ta' dritt hi ma kellhiex tigi ritenuta responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' appellanti tressaq dawn l-argomenti in sostenn tal-posizzjoni taghha:-

(i) Fl-operazzjoni hi kienet biss l-agent u l-preparattivi dwar akkomodazzjoni fil-Germanja kienu responsabilita` ta' l-agent tal-ivvjaggar Tedesk ossija TCS Tagungs Congress Service GmbH;

(ii) Dan il-fatt kien maghruf mis-socjeta' attrici ghax dan kien lilha indikat fil-vouchers tal-akkomodazzjoni forniti lilha;

(iii) Ergo, hi ma tistax tinstab fi htija billi hi adempiet l-obbligi miftehma, jigifieri, t-trasport bl-ajru u l-akkomodazzjoni. Ghan-nuqqas ghandu jwiegeb l-agent ta' l-ivvjaggar esteru stante li dan naqas li jonora li jipprovdi dak li wieghed u ikkonferma li ser jipprovdi;

(iv) Kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi hi sofriet id-dannu b'xi ghemil jew nuqqas taghha;

(v) L-ewwel Qorti ipparagunat l-operat taghha ma' dak ta' agent tas-socjeta' Germaniza. Anke kieku hekk kien il-kaz, qua agent, hi ma twiegebx ghall-azzjonijiet tal-principali taghha, sakemm ma jirrizultax xort'ohra mill-fatti.

Ir-rizoluzzjoni tal-vertenza tiddependi ghal kollox filli jigi stabbilit in-natura tar-rapport guridiku. Kif minnha stess accettat u ammess s-socjeta' appellanti hi agent ta' l-ivvjaggar. Li jfisser "persuna li, sew bhala principali sew bhala agent, tirranga, taghti pariri dwar jew tiehu hsieb li tipprovdi lil turisti u persuni ohra, sew individwalment sew fi gruppi, arrangamenti ghall-ivvjaggar ghal barra minn

Malta, inkluz l-allogg f'lukanda, guest house, hostel, postijiet ghall-btala jew dar li tintuza biex jigi provdut allogg lit-turisti; vjaggi bl-ajru, fuq l-art jew bil-bahar … …" Din hi t-tifsira li nsibu fl-Att XII ta' l-1999 "Dwar is-Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta" (Kap 409), li irrimpjazza l-Kap 264: "Dwar l-Agenziji ta' l-Ivvjaggar u Servizzi tal-Lukandi".

Taht il-'voce' '<u>vjaggatur</u>' f'dan l-istess Att insibu, imbaghad, li dan ifisser "persuna li tidhol f'<u>kuntratt</u> ma' attivita turisitika li jkollha licenza ghall-provvediment ta' kull servizz dwar l-ivvjaggar jew li jkollha x'taqsam ma' l-ivvjaggar ta' xi xorta u ta' kull xorta minn dik l-attivita' turistika li jkollha licenza". Fost l-operaturi ta' din l-"attivita' turistika" hemm annoverata, skond it-tifsira li tinghata lil din il-kelma, l-"agenzija ta' l-ivvjaggar".

Huwa sintomatiku mill-interpretazzjoni tal-kliem rilevanti mil-ligi moghtija illi bejn is-socjeta' attrici, qua vjaggatur, u s-socjeta' konvenuta, qua agent ta' l-ivvjaggar, inholoq rapport kontrattwali dirett li fih is-socjeta' konvenuta, una volta li accettat l-istruzzjonijiet lilha moghtija, kellha imbaghad tassikura l-ezekuzzjoni taghhom a beneficcju tas-socjeta' attrici, kontra pagament minn din l-ahhar socjeta'. Huwa proprju in virtu ta' tali kuntratt illi tigi krejata, regolata jew mahlula l-obbligazzjoni (Art 960 tal-Kodici Civili). Il-konsegwenza tan-nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jirrendi lil dak li jkun hekk intrabat passibbli ghad-danni (Art 1125 tal-Kodici Civili).

Jinghad imbaghad fl-Art 999 (1) illi "*hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu*."

Jissokta jigi precizat fis-subinciz (2) ghal dan l-imsemmi Artikolu 999 illi "*b'dana kollu wiehed jista' jobbliga ruhu lejn iehor, billi jwieghed xi haga li ghandha tigi maghmula minn persuna ohra; izda f'dan il-kaz, jekk din il-persuna l-ohra ma tkunx trid tezegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruhu jew wieghed it-twettiq ta' l-obbligazzjoni, ikun suggett biss ghal <u>hlas tal-hsara</u>"*."

Kif jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**<u>Giuseppe Debono et –vs- Antonio Falzon</u>**", Appell Civili, 21 ta' Mejju 1947, f'kaz bhal dan l-obbligazzjoni hi vinkolanti "inter contrahentes" u rigward l-ezekuzzjoni taghha jkollha l-effett kollu meta tigi ratifikata mill-persuna li tista' tezegwiha.

Issa fil-kaz in ezami huwa pacifiku bejn il-partijiet in kawza illi s-socjeta' attrici kienet zmien qabel ikkuntattjat lis-socjeta' konvenuta, li maghha kien gja kellha relazzjoni twila ghal numru ta' snin, biex din tohdilha hsieb il-vjagg u l-allogg li kellha ippjanat li jikkoincidi mal-Fiera ta' Anuga fil-Germanja.

Is-socjeta' konvenuta ma ghamletx l-allestiment ta' l-akkomodazzjoni direttament hi izda inkarigat agenzija operanti fil-Germanja. Huwa pacifiku illi fl-ahhar mumenti, anterjuri ghad-data li kellhom jsiefru l-ahwa Cachia, diretturi tas-socjeta' attrici, nqalghu ntoppi minhabba 'over-booking'. Daqstant iehor huwa pacifiku, u dan minn dak li ssucceda sussegwenti ghal wasla taghhom fil-Germanja, illi dak imwieghed lill-ahwa Cachia ma giex provvdut, jew ma giex provvdut bid-diligenza mistennija.

Dan kollu hu rikonoxxut mis-socjeta' konvenuta appellanti. B'danakollu hi tattribwixxi r-responsabilita' ghad-disservizz lis-socjeta' estera. Dan bil-hsieb li tiskolpa ruhha minn kull imputabilita` ta' htija. Hi tikkampa l-linja difensjonali taghha fuq il-bazi ta' l-argument illi s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi fil-kuntrattazzjoni kien hemm involuta s-socjeta' estera u li allura l-allogg kien responsabilita' ta' din is-socjeta' u mhux taghha.

Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argoment u ma tarax kif il-fatt jekk is-socjeta' attrici kienetx, jew ma kienetx, taf bl-involviment tas-socjeta' estera jista' per se jiskonguraha minn kull addebitu ta' htija. Huwa ovvju illi r-relazzjoni bejn is-socjeta' Tedeska u s-socjeta' attrici hi wahda indiretta mentri din ir-relazzjoni hi diretta mas-socjeta' konvenuta li maghha certament sar l-iskambju ta' faxes u tal-arrangamenti. Difatti kienet is-socjeta' konvenuta li

ikkuntattjat lis-socjeta' barranija ghall-attwazzjoni tal-obbligazzjoni assunta minnha di fronte ghall-ahwa Cachia nomine. U jekk din is-socjeta' barranija naqset milli tadempixxi l-istess obbligazzjoni huwa gust li jinghad li ghal dan in-nuqqas fil-konfront tas-socjeta' attrici appellata ghandha twiegeb is-socjeta' appellanti li nkarigata.

Jidher li s-socjeta' appellanti tirrikonoxxi din is-sitwazzjoni difficli taghha tant li fit-tieni eccezzjoni taghha hi stess tqis li din is-socjeta' estera ghandha tigi kjamata in kawza. Ciononostante baqghet ma ghamlet xejn f'dan ir-rigward jew naqset li tinsisti f'din id-direzzjoni. Ma kienx mistenni li t-talba ssir mis-socjeta' attrici izda kien fl-interess esklussiv taghha li tinsisti fuq dan il-punt.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Agent Accountant General et –vs- George Xuereb noe", Appell Kummercjali, 15 ta' Marzu 1991 gie hekk rilevat:-

"*Il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita' ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol – kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk gie bata huwa*".

Ifisser allura illi jekk is-socjeta' konvenuta naqset li tiddefendi l-posizzjoni u d-drittijiet taghha b'solerzja u insistenza doveruza ma tistax tippretendi imbaghad li l-Qorti ghandha thares u tittutela l-interessi taghha. Ghax kif ragunat ghalkemm "*hu veru li l-Qorti ghandha d-dritt sua sponte tordna l-kjamata izda tali dritt ma jistax jitqies xi obbligu fuqha li thares hi l-interessi tal-kontendenti*". ("**Emanuel Abela –vs- Perit Arkitett Fred Valentino et**", Appell, 4 ta' Dicembru 1998).

Mill-konsegwenza diretta ta’ l-inadempjenza ta’ l-obbligu kontrattwali assunt jiskaturixxu d-danni, kif josserva l-**Giorgi** (“Obbligazioni, Vol IV p151), “*quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’aforisma “qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit””.*

Fil-kazistika Ingliza l-posizzjoni in materja fejn jikkoncerna l-agenti ta’ l-ivvjaggar hi dik li ssostni bla mezzi termini illi jekk dawn jonqsu li jipprovdu s-servizz kuntrattat jirrispondu ghad-danni (“**Jarvis –vs- Swan Tours**”, 1973). Skond Cummings L.J. fid-decizjoni “Adcock –vs- Blue Sky Holidays” (1983), “*The Jarvis case establishes that where the subject matter is a contract for the provision of facilities for a holiday, the parties to that contract forsee that upon payment of the financial consideration to the tour company, the tour company is under an obbligation to provide those services*”.

Ghalkemm l-osservazzjonijiet fihom jibqghu validi jidher ovvju li l-Qrati Inglizi jaddottaw ir-rigur ta’ “strict liability”, sistema din sa certu punt aljena ghalina. Pero’ anke bl-adozzjoni tan-normi tal-ligi taghna din ir-responsabilita’ fil-kaz de quo tirrizulta li tissodisfa dak stabbilit fid-disposizzjonijiet fuq imsemmija flimkien ma’ dak sancit fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, applikat ghal kuntratti.

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti anke jekk is-socjeta’ konvenuta appellanti ezegwiet l-inkariku tramite s-servizzi ta’ socjeta’ ohra estera li taghha setghet ukoll kienet l-agent hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ appellanti kienet naxxenti mill-ftehim ta’ bejniethom. Tinsisti kemm tinsisti s-socjeta’ appellanti illi hi ma kienetx responsabbli ghad-danni reklamati ghax dak li gara kien htija tas-socjeta’ estera bl-ebda mod dan l-argoment ma jissufragaha. Dan kif fuq gja manifestat u espress.

F’cirkostanzi konsimili d-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali ghandhom naturalment ikunu relatati ma’ din

l-inadempjenza u konsegwenzjali ghaliha.  Ma jidherx li d-danni pretizi mis-socjeta' attrici u elenkati a fol 20 huwa pretestwuzi u esagerati.  Dippju dan lanqas jinsab hekk affermat mis-socjeta' appellanti jew kontestat minnha.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti mill-ewwel Qorti l-appell interpost mis-socjeta' konvenuta qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata.  L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a kariku tas-socjeta' appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------